MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1110/2006

**Michael Attard Holdings Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Paola**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikkorrenti datat 14 ta' Dicembru 2006.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota ta' Dr Luciano Busuttil ghall-Kunsill intimat tal-15 ta' Marzu 2007 li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-Kunsill intimat, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-Kunsill intimat permezz ta’ nota, tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, b’dan illi ghall-fini tat-tielet (3) talba tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ erbghin (40) gurnata millum, u ghall-fini tat-tielet (3) u r-raba’ (4) talba attrici tinnomina bhala Perit Arkitett lil Perit Valerio Schembri sabiex jidderigi u jaghmel supervizjoni tax-xoghlijiet indikati fit-tielet (3) u fir-raba’ (4) talba attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1779/06GV kontra l-Kunsill intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------